SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SITT KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 31-14

Illum l-Erbgħa, 27 ta' Awissu 2014

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fis-1.30pm.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, l-Kunsilliera: Joe Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma kienetx preżenti għal din il-Laqgħa.

## ASSENTI

Il-Viċi Sindku is-Sur Terrence Ellul informa lil Kunsill, li ma kienx ser ilaħħaq biex jattendi minħabba mpenji tax-xogħol.

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 30-14 li saret nhar il-Ġimgħa 25 ta' Lulju 2014 ġew moqrija u approvati.

### 1.1 *Mill-Minuti*

### 1.1.1 *Handrail fi Triq Ġuljetta Lopez*

Is-Sindku rrefera għall-minuta 7.3 tal-laqgħa preċedenti u nforma li x-xogħol ġie ordnat u l-kuntrattur diġa ġie jkejjel u għandu jibgħat kwotazzjoni.

### 1.1.2 *Manutenzjoni ta' Bankina f'Dawret it-Torri*

Saret referenza għall-minuta 7.2 tal-laqgħa preċedenti u ġie nutat li x-xogħol ta' manutenzjoni ta' parti mill-bankina f'Dawret it-Torri għadu ma bediex. Il-Kunsill qabel li għandha ssir premura fuq il-kuntrattur biex dan ix-xogħol jibda mingħajr aktar dewmien.

### 1.1.3 *Ċanta fi Triq Prinjoli kantuniera ma' Trejqet Garnaw*

Is-Sindku rrefera għall-minuta 7.4 tal-laqgħa preċedenti u qal li jidher li l-kuntattur għadu ma naddafx il-post kif kien miftiehem**.** Il-Kunsilliera Caroline Galea ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq Klematis kantuniera ma' Triq il-Ġibjun qed ikun hemm ħafna ħmieġ. Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-kuntratturi nvoluti ħalli tittieħed azzjoni.

### 1.1.4 *Football Nursery*

Il-Kunsilliera Caroline Galea rreferit għall-minuta 1.1.5 tal-laqgħa preċedenti u xtaqet spjegazzjoni dwar il-każ. Is-Sindku spjega dak li kien hemm fil-minuti f'aktar dettal. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat estratt mill-Att Dwar il-Kunsilli Lokali li jiddefinixxi r-responsabilta' tal-Kunsilli Lokali fir-rigward ta' faċiltajiet sportivi.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn il-25 ta' Lulju 2014 u s-27 ta' Awissu 2014 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil membri kollha tal-Kunsill.

## 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0852-14-O– *IPPR Engineering Co.Ltd. – Technical problems in the Garden of Serenity*
- 0866-14-O – *RITEMIX(Gatt Bros.)Ltd* – Kuntratt RR(PPP) (57-11-02) *Resurfacing* ta' Toroq f'Santa Luċija
- 0887-14-O – Ministeru għat-Trasport u Nfrastruttura – Ġnien is-Serenita'u Triq Peprin f'Santa Luċija
- 0900-14-O – l-Onor. Edward Scicluna, Ministru għall-Finanzi – Proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita': Xogħol ta' *trenching* u nstallazjoni ta' *Enemalta Cable*

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 0854-14-I – Kunsill Konsultattiv għan-nofsinhar ta' Malta - *Tourism Seminar*
- 0870-14-I – *Malta Archery –Permanent Small Archery Activity*
- 0879-14-I – *Ministry for Transport and Infrastructure – European Mobility Week and Car Free Day*
- 0884-14-I – *Local Council's Association – Europe for Citizens programme 2014*
- 0891-14-I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Manutenzjoni tas-sinjali u marki tat-toroq u tas-*sleeping policemen*
- 0902-14-I – Resident – Manutenzjoni fi Triq l-Anżalor
- 901-14-I – Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta – Turiżmu u Entitajiet Kummerċjali fin-Nofsinhar ta' Malta fil-KKNM
- 905-04-I – *Malta Archery – Permanent Small Archery Activity*

## 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:*

- **SLLC Memo 10-2014 - *Book Cataloging***
- ***GreenPak Mid-Year Report 2014***

**3. PUNTI MQAJMA**

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 854-14-I u 901-14-I is-Sindku nforma l-Kunsill li kien attenda għall-seminar dwar it-turiżmu li kien organizzat mill-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta. Huwa stqarr li waqt dan is-seminar issemma s-servizz tal-*Hop-On Hop-Off* u dwar il-fatt li dan ma jinkludux il-postijiet turistiċi kollha fir-rotta stabbilita. Huwa rrefera għal Ġnien Ċiniż f'Santa Luċija u qal li hu kien ilu jipproponi biex dan jiġi nkluż fir-rotta. Huwa kompla jgħid li jidher li ser ikun hemm reviżjoni dwan l-andament ta' dan is-servizz. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jipproponi li l-Ġnien Ċiniż inkun inkluż fi *Brochure* Turistiku għas-South ta' Malta li mistenni joħroġ sas-Sajf 2015.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0870-14-I u 905-04-I is-Sindku nforma l-kunsill bil-proposta ta' *Malta Archery* datata 28 ta' Lulju 2014 biex issir skola permanenti fl-I*scupture Garden.* Huwa qal li sakemm dinil-proposta tresqet quddiem il-Kunsill fil-laqgħa ta' llum, il-Kunsill reġa' rċieva kummenti minn *Malta Archery* peress li kienet għada ma ttieħdet ebda deċiżjoni mill-Kunsill dwar din il-proposta. Il-Kunsill qabel li dawn il-kummenti għandhom jitwieġbu bil-kelma *"noted".*

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 897-14-I – Il-Kunsill iddiskuta l-inizjattiva li qed tiġi organizzata minn *Transport Malta – European Mobility Week*. Ġie deċiż li l-Kunsill japplika biex jipparteċipa fl-inizjattiva mgħarufa bħala *Activity Two: Competition between Local Council for Best Activity*. Il-proposta tal-Kunsill għandha tinkludi attivita' li ssir fil-*Jogging Track* fejn nies professjonali għandhom jagħtu nformazzjoni dwar kif wieħed jista jagħmel l-aħjar użu mill-*exersice stations* li hemm f'dan il-post. Waqt din l-attivita' r-residenti għandhom jiġu mħeġġa jimxu u jgħamlu eżerċizzju f'dan il-post rikreattiv. Għandu jiġi propost ukoll Il l-parteċipanti għandhom jingħataw *T-shirt* kommemorattiv kif ukoll *pedometer*.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 891-14-I il-Kunsill innota korrispondenza dwar *Europe for Citizens Programme* 2014-2020. Huwa qal li xtaq jinforma li l-Kunsill irċieva stedina biex jipparteċipa fi Proġett li jaqa' taħt dan il-programm. Huwa qal li din l-istedina saret għan-nom ta' *Montarry non profit* organisation fis-Slovakja wara kuntatt li sar minn ex-Kunsillier ta' Santa Luċija is-Sur Joe Montebello li huwa wieħed mill-fundaturi ta' din l-organizzazjoni. Huwa spjega li l-*main partner* ta' dan il-proġett huwa *Vydrany Village* fis-*South* tas-Slovakja. Is-Sindku qal li jekk din il-proposta tiġi aċċettata taħt il-program *Europe for Citizen* il-Kunsill qed jipproponi li jorganizza żewġ attivitajiet li jkunu ffinanzjati taħt dan il-program. Huwa qal li l-attivitajiet proposti huma Jum Santa Luċija u *Chinese Summer Festival*.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 891-14-I saret referenza għall-Memos 23-2014 dwar manutenzjoni tas-sinjali u markings tat-toroq u tas-*sleeping policemen*. Is-Sindku qal li qed issir premura biex il-Kunsilli jagħmlu l-

manutenzjoni meħtieġa għax qed ikun hemm diversi lmenti mir-residenti f'dan ir-rigward.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 902-14-I il-Kunsill qabel li jilqa' t-talba ta' residenti dwar bżonn ta' manutenzjoni urġenti fi Triq l-Anzalor.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### *4.1 Live Streaming tal-Laqgħat tal-Kunsill – SLLC Q(57-13-01)*

Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza bin-numru 946-14-I u nforma l-Kunsill li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien approva l-kwotazzjoni ta' *AID Ltd* biex jipprovdu servizz ta' *Live Streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandha tinħareġ *letter of acceptance* ħalli dan is-servizz jibda jingħata mingħajr aktar dewmien.

### *4.2 Rapport tekniku dwar Ġnien is-Serenita*

Is-Sindku rrefera għal proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'. Huwa qal li wara li żvillupaw diversi ħsarat fl-apparat elettroniku kawża ta' difett fis-sistema tad-dawl f'dan il-ġnien, qed jinħass il-bżonn li jsir rapport professjonali li jispjega fid-dettal din is-sitwazzjoni. Huwa qal li l-Kunsill diġa qed jagħmel arranġamenti biex jikri s-servizz ta' Inġinier biex iħejji rapport kemm jista jkun malajr ħalli dan jintbagħt lil kumpanija li kienet responsabbli minn dan ix-xogħol. Huwa qal li biex isir dan ir-rapport il-Kunsill intalab is-somma ta' €600+Vat. Il-Kunsill approva din n-nefqa.

### 4.3 *Publikazzjoni ta' ktieb dwar Santa Luċija - Santa Luċija Malta's Garden Town*

Is-Sindku rrefera għal ktieb hawn fuq imsemmi ta' l-Awtur Dr Malcolm Borg ex-Kunsillier fil-Kunsill ta' Santa Luċija. Huwa qal li fil-passat il-Kunsill kien qabel li jippubblika dan il-ktieb. Huwa qal li peress li l-ispiża kienet waħda konsiderevoli kien qed jipproponi li l-Kunsill jixtri mitejn minn dawn il-kotba. Huwa qal li l-ispiża nvoluta tammonta għas-somma ta' ftit aktar minn €1000.00. Huwa kompla jgħid li dawn għandhom jitqassmu fil-libreriji pubbliċi u entitatjiet importanti oħra u l-kotba li jkun fadal jistgħu jinxtraw *at cost* mill-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 5195 sa numru BOV 5200 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn l-23 ta' Lulju 2014 u l-31 ta' Lulju 2014.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 30-14(25-07-2014)

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **Ewro** |
|---|---|---|---|
| ELC Ltd | PKG57 | Serv. Lulju 2014 | 2061.50 |
| Nexos Street Lighting Ltd, | SL(57-09-04) | 2010705 | 2075.37 |
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | Serv. Jan.2014 | 269.10 |
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | Serv. Feb. 2014 | 308.10 |
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | Serv. Mar. 2014 | 296.40 |
| Ronald Bezzina | BR(57-12-13) | Serv. April 2014 | 384.15 |
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | Serv. May 2014 | 327.60 |
| Joseph and Spiridione Żammit | RC(57-14-01) | Serv,Ġunju 2014 | 1877.90 |
| Owen Borg | SS(75-12-*01) | Serv.Lulju .2014 | 1024.25 |
| Joseph and Spiridione Żammit | RC(57-14-01) | Serv.Lulju 2014 | 1962.85 |
| Schembri Barbros Ltd | WR(57-13-02) | 383473 | 24,759.38 |

## 6. RAPPORTI FINANZJARJI GĦALL-PERJODU: 01/01/2014 - 31/03/2014 01/04/2014 – 30/06/2014

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill żewġ rapporti finanzjarju ta' l-ewwel tlett xhur u t-tieni tlett xhur tas-sena 2014. Hija qalet li dan ir-rapport ġie mħejji mill-*Accountant* tal-Kunsill li kienet preżenti għal din il-laqgħa biex tagħti spjegazzjoni tal-qagħda finanzjarja tal-Kunsill għal dawn il-perjodi. Fil-kummenti tagħha dwar dan ir-rapport is-Sinjura Debono li kienet qed tirrapreżenta *lil D-Consulta Ltd.* qalet li fl-ewwel sitt xhur tas-sena l-Kunsill għandu *surplus* ta' €16,468.00. Hija tagħt informazzjoni f'dak li huwa dħul u ħruġ tal-finanzi tal-Kunsill u sar paragun bejn dak li kien hemm ibbaġittjat u l-ispejjez attwali għal dan il-perjodu.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill u rreferit għall-*invoice* ta' madwar €41,000.00 għal *extra works* li saru fuq toroq li minnhom għaddiet trinka li saret biex tpoġġa Enemalta Cable mis-*substation* fi Triq Ġuljetta Lopeż sa Ġnien is-Serenita'. Hija qalet li din l-*invoice* ma kienetx riflessa f'dawn ir-rapporti finanzjarji peress li l-Kunsill għadu għaddej f'taħdidiet mal-Ministeru tal-Finanzi dwar min ser iħallas din l-ispiża. Is-Sindku qal li diġa nbagħtet ittra lil Ministru tal-Finanzi f'dan ir-rigward u qed jistenna li jingħata appuntament biex jiltaqa' mal-Ministru dwar din is-sitwazzjoni nkwetanti.

## 7. SEJĦA GĦALL-KWOTAZZJONI GĦAL XIRI TA' BANKIJIET Q(57-14-01)

Waqt din il-laqgħa nfetħu l-kwotazzjonijiet għal xiri ta' bankijiet biex jinbidlu dawk li hemm fi Pjazza 7 ta' Lulju. Għal din is-sejħa ntefgħu kwotazzjonijiet minn diversi *suppliers* li kull wieħed minnhom issottometa prezzijiet ta' mudelli ta' bankijiet ta' kull daqs u xorta. Il-Kunsill qabel li għandu jsir eżerċizzju biex il-Kunsill jagħżel l-aħjar tip ta' bankijiet li huma addattati għal Pjazza 7 ta' Lulju, tiġi stabbilita' l-ispiża nvoluta u fl-aħħar nett il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk jagħmilx manutenzjoni tal-bankijiet eżistenti jew jixtri bankijiet ġodda.

## 8 XOGĦOLIJIET

### *8.1 Xogħol ta' kisi ta' toroq fi Triq il-Ġnien*

Is-Sindku ta rendikont ta' l-aħħar żvilluppi fir-rigward tax-xogħol hawn fuq imsemmi li baqgħa ma nbediex. Huwa qal li jidher li s-*subcontractor* imqabbad mill-kuntrattur tal-Kunsill kellu xi diffikutajiet u ma setax jibda x-xogħol ta' *trenching* li ser isir għall-Korporazzjoni Għas-Servizzi ta' l-Ilma. Is-Sindku qal li kien kiteb ittra lid-direttur tar-RiteMix dwar dan id-dewmien. Il-Kunsill iddiskuta fit-

tul din is-sitwazzjoni u qabel li jingħata *deadline* lil kuntrattur u jekk sa nhar l-Erbgħa 3 ta' Settembru ix-xogħol ikun għadu ma bediex x-xogħol il-Kunsill ma jkollux triq oħra ħlief li jwaqqaf dan il-kuntratt.

## 9. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fit-3.15 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 23 ta' Settembru 2014 fil-5.00 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ....................,...... ta' ...................… 2014**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**